MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 144/1986/1

**Arkitett u Inginier Civili Godwin Drago**

**v.**

**Silvio Felice**

**Il-Qorti:**
**<u>PRELIMINARI:</u>**

B’citazzjoni pprezentata quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc fis-6 ta’ Frar, 1986 l-attur ppremetta: illi l-konvenut inkariga lill-attur, fil-kwalita` professjonali tieghu sabiex jipprepara pjanti u stima approssimattiva ghal

progett ta’ bini ta’ *flats* f’Gorg Borg Olivier Street, Sliema, kif ukoll sabiex jipprepara pjanti u stima approssimattiva ghal progett ta’ bini iehor f’H’Attard; illi ghal dan ix-xoghol professjonali tieghu, l-attur kellu jiehu s-somma ta’ Lm2,600 ghall-progett ta’ Tas-Sliema, u s-somma ta’ Lm233.30 ghall-progett ta’ H’Attard, kif kien jidher mit-taxxa preparata mic-*Chamber of Architects and Civil Engineers* (Dok. A) u dana ghaliex il-konvenut abbanduna l-progett u abbanduna anke lill-attur, ghaliex nonostanti diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa’ ma rrisponda xejn; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

“Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm2,833.30 jew kwalunkwe somma aktar ezatta, minnu dovuta ghall-prestazzjonijiet professjonali tieghu kif kien inkarigat jaghmel mill-konvenut, u kif fuq imsemmi.  Bl-imghax legali.

“Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-2 ta’ Settembru 1985 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.”

B’nota pprezentata fit-23 ta’ Dicembru 1986 il-konvenut eccepixxa:

“1. Preliminarjament illi ma kienx il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza, almenu sa fejn jirrigwarda l-pretensjoni dwar progett f’Gorg Borg Olivier Street;

“2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, li l-azzjoni hi preskritta a termini tal-Art. 2254(c) tal-Kodici Civili;

“3. Fi kwalunkwe kaz, hu qatt ma kien qabbad lill-attur jaghmel xoghol li allega l-istess attur;

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

**IS-SENTENZA APPELLATA:**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fil-15 ta' Gunju, 2005 bil-mod segwenti:

**"KONKLUZJONIJIET:**

"Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li bl-agir tal-konvenut kien inghata inkarigu mill-konvenut lill-attur ghalkemm l-intenzjonijiet tal-konvenut fil-verita` ma kienux jammontaw ghal dan izda bl-agir tieghu kien logiku li l-attur jahseb li kien qieghed jigi moghti tali inkarigu. L-attur ma tellax lix-xhieda biex jikkonfermaw bil-gurament id-dokument li fuqu bbaza t-talba tieghu ghal Lm2,833.30 u l-kriterji ghaliex ghandu jirrizulta dan l-ammont. Inoltre minhabba n-natura ta' kif sar l-inkarigu l-Qorti thoss li ghandha timmodifika *arbitrio boni viri* l-ammont pretiz mill-attur u ghal dawn il-motivi tiffissa l-ammont ta' Lm2000 bhala l-ammont dovut u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur din is-somma.

"L-attur talab ukoll il-hlas tal-imghax legali izda dan mhux dovut minhabba li l-ammont qieghed jigi likwidat illum.

"Spejjez zewg terzi ($^{2}/_{3}$) kontra l-konvenut u terz ($^{1}/_{3}$) kontra l-attur."

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat

**"<u>C. PROVI:</u>**

"Illi min-natura tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn sostna li mhux il-legittimu kontradittur almenu dwar il-progett f'Borg Olivier Street u mit-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni jidher li l-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hija bazata primarjament fuq jekk il-konvenut kienx inkariga lill-attur u taht liema kundizzjonijiet u sekondarjament jekk kienu dovuti xi flus jekk id-dritt ghalihom giex preskritt.

"Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur fejn fiha ssemma li hu kien gie nkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel pjanti u stima approssimattiva ghall-progett ta' bini ta' *flats* f'Gorg Borg Olivier Street, Sliema.  Kien inkarigat ukoll mill-konvenut sabiex jaghmel l-istess xoghol professjonali tieghu ghal progett ta' bini ta' zewg *terraced houses* f'H'Attard.  Illi l-konvenut abbanduna dawn iz-zewg progetti u lill-attur qatt ma kellmu izjed dwarhom, nonostante diversi interpellazzjonijiet.  Skont taxxa mahruga mill-Kamra tal-Arkitetti u Inginieri Civili l-attur sostna li ghandu dritt ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm2,833.30.

"Xehed l-attur u qal li hu kien gie nkarigat mill-konvenut biex jipprepara progett fuq ***site plan*** li kien tah il-konvenut stess gewwa Gorg Borg Olivier Street, Tas-Sliema.  L-ewwel kien tah biex jipprepara progett u damu jiddiskutu hafna bejniethom u l-konvenut kien qallu li ma kienx dahhallu bizzejjed *flats* u ried almenu 32 *flat*.  L-attur kien qallu li biex dan seta' jsir kellu jzid fil-fond ta' l-izvilupp u jzid ukoll sular.  Kien qallu li kellu d-dubji jekk il-P.A.P.B. jaccettawx izda hu kien indikalu *block* kif riedu hu ftit 'l isfel fl-istess triq.  Semma li l-valur tal-progett gebel u saqaf u *lifts* kien ta' Lm130,000.  Kien tah sett pjanti li qatt ma rritornahom u qal li hu qed jippretendi s-somma ta' 2% skond it-taxxa ezebita.  Semma li kien cempel lill-konvenut wara li kien kellmu l-Perit Godwin Cassar li kien ic-Chairman tal-PAPB.  Il-Perit Cassar kien qallu li fuq il-post jistghu johorgu l-permessi (u dan skond ma xehed fis-seduta tat-2 ta' Settembru 1987 ghalkemm fis-seduta tat-23 ta' Novembru 1987 spjega li l-Perit Cassar kien qallu li fuq dak il-post jistghu johorgu permessi ried ifisser li f'dik l-area jistghu johorgu l-permessi).  Zied li l-konvenut kien imur jarah fl-ufficcju tieghu u kien imur ghandu mhux ghaliex kien jafu izda fuq rakkomandazzjoni ta' Andrew Vella.  Semma li hu ma kellux gurisdizzjoni fuq il-PAPB. Meta qal lill-konvenut li f'dik l-area jistghu johorgu permessi u kienu fl-ufficcju tieghu, il-konvenut qallu li allura jista' jahdimlu hu peress li kien ser jispicca minn Direttur.  In segwitu l-konvenut kien hadlu ***site plan*** tal-post; marru flimkien fuq il-post u ezaminawh u kien irrimarkalu li ma jistax imiss Capua Palace ghax dan kien protett.  Ghalkemm il-konvenut qatt ma qallu jekk il-post

hux tieghu jew le hu kien assuma li biex wiehed ikellmu fuq il-post sinjal li dan huwa tieghu u sar jaf li ma kienx tieghu hafna zmien wara minghand Dr. Antonio Pace u dan meta kellu kollox diga` lest.

"Qal ukoll li l-konvenut kien qabbdu jizviluppalu bicca art tal-Mirakli u hu ghamel il-progett skond il-ligi ta' l-1981. Kien ghamel numru ta' alternattivi u hu kien ghazel minnhom. Semma li dan il-progett kien jiswa' Lm11,664. Qal li tkellem, ftiehem u gie mqabbad mill-konvenut Silvio Felice. Semma li hu kien imur fil-hanut ta' Borg Olivier Street izda l-konvenut qatt ma tah l-indikazzjoni li x-xoghol ma kienx tieghu. Qal li meta kitiblu biex jaghtih il-flus ma rrispondiehx. Meta ltaqa' mieghu u kellmu dejjem kien jghidlu "issa naraw, issa naraw". Semma li wara sar jaf li l-konvenut fuq il-post ta' Tas-Sliema konvenju biss kellu. Semma li hu kien mar ikellmu l-ewwel darba f'xi Jannar/Frar 1985 (xi xaharejn qabel ma spicca minn Direttur) biex hu jghinu johrog il-permess ghall-bini fuq il-Capua Palace. Qal li l-progett ma kienx fuq il-palazz proprju izda fuq l-orfanatrofju. Semma li kien mar mal-konvenut fuq l-art diversi drabi u darba minnhom il-konvenut fetah u dahlu minn bieb zghir go gnien.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut fejn fiha semma li hu qatt ma kellu intenzjoni li jaghmel xi progett ta' bini f'Gorg Borg Olivier Street. L-attur ma semmiex dati ghax-xoghol li allega li kien inkarigat jaghmel, u jidher li l-idea tieghu ma hix ta' xi haga recenti. Il-konvenut qatt ma qabbad lill-attur jaghmel ix-xoghol li allega l-istess attur li hu kien inkarigah.

"L-attur ezebixxa pjanta li ddikjara li nghatat lilu mill-konvenut stess, kif ukoll disinji tal-progett. Ezebixxa wkoll l-ittra tac-*Chamber of Architects and Civili Engineers* datata 21 ta' Awwissu 1985 u b'***assessment of fees due*** ghall-ammont ta' Lm2,833.30.

"Xehed il-<u>konvenut</u> li semma li hu kien ser jixtri minghand il-familja Pace il-Capua Palace u mar ghand il-Perit tieghu Joseph Falzon biex jara jistax jizviluppah u dan qallu li l-palazz ma jistax jitwaqqa' imma l-kunvent hemm cans.

Qal li kien mar ikellem lil wiehed mill-Ministri u dan irrakkomandalu lill-attur li dak iz-zmien kien Head of Public Works. Semma li meta mar ghandu qallu li qed jixtri dik is-*site* u biex jghinu johrog il-permessi u wrieh kopja tal-kuntratt li kienu ghamlu ta' Pace mal-Gvern. Qal li hu ma qallux biex jaghmillu pjanta ghax hu kellu l-perit tieghu. Semma li l-attur qallu li 12-il qasba biss seta' jizviluppa u l-palazz le u hu qallu li allura m'ghandux ghalfejn ikompli.

"Fuq l-art ta' H'Attard qal li kien tah in-numru tal-P.A.P.B. biex ihaffu u jinhareg il-permess liema permess kien inhareg permezz tal-Perit Falzon. Qal li hu qatt ma qabbad lill-attur biex jaghmillu xi pjanti. Sostna li hu ltaqa' ma' l-attur fl-ufficcju tieghu biss, xi tliet darbiet izda barra mill-ufficcju qatt. Qal li hu qatt ma fetahlu l-post ta' Capua Palace ghax hu ma kellux cwievet, jekk fethulu l-post kienu ta' Pace. Fuq ta' Capua Palace qal li ma setax li ffirma xi pjanti ghax dak iz-zmien biex tiffirma pjanta kont trid tissottometti l-kuntratt tal-akkwist tal-post mal-pjanta. Qal li hu qatt ma ghamel ebda kuntratt ta' akkwist la ma' l-attur u lanqas ma' sidien ohrajn. Qal li l-attur ma kienx tah pjanti tal-Capua Palace izda kien urieh pjanti ta' Gattijiet. Zied jghid li l-attur ma ghamillu l-ebda xoghol bhala perit ghall-progett ta' Capua Palace. Semma li ma jiftakarx li xi darba qal lill-attur li kif jispicca minn mal-*Public Works* ikun jista' jghinu bhala perit (fol 122b).

"Xehed il-Perit Joseph Falzon fejn semma li fuq struzzjonijiet tal-konvenut kien applika fl-inhawi ta' H'Attard vicin Hal-Mann u l-permess bin-numru PB3462/85 1688/85 kien inhareg fl-10 ta' Ottubru 1985 liema permess kien gie mgedded f'Novembru 1986. Ezebixxa l-applikazzjoni tal-permess tal-bini, l-***acknowledgement*** ghal dik l-applikazzjoni u l-***building permit*** ta' l-10 ta' Ottubru 1985. Ezebixxa wkoll l-applikazzjoni ghat-tigdid tal-permess u l-***acknowledgement*** ghal dik l-applikazzjoni, il-***building permit*** datat 25 ta' Novembru 1986 u l-pjanta ta' l-art. Dwar l-art f'Tas-Sliema qal li l-konvenut kien talbu l-parir dwar dik l-art u hu kien qallu li dak il-post ma setax jinbena ghax dak iz-zmien kien hemm limitu ta' tnax-il

qasba fond u l-bini kien storiku u ghalhekk ma setax jaqa' biex jerga jinbena. Qal li dwar il-bini ta' Tas-Sliema kull ma kien ghamel kien li tah parir u ma kienx applika ghal dan il-progett. Semma li lill-attur jafu u jaf li kellu kariga fil-Public Works izda ma jiftakarx jekk kienux tkellmu fuq dawn il-bicctejn xoghol.

**"<u>D. KUNSIDERAZZJONIJIET</u>:**

"Illi din il-kawza tirrigwarda jekk il-Perit Drago nghatax jew le inkarigu sabiex jipprepara pjanti u stimi ghall-progetti ta' bini f'Tas-Sliema u f'H' Attard. L-attur sostna li ghandu jithallas is-somma ta' LM2,833.30 ghall-prestazzjonijiet professjonali tieghu.

"Illi l-konvenut eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur, kif ukoll li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili. Illi huwa sostna wkoll li qatt ma qabbad lill-attur jaghmel ix-xoghol allegat minnu.

"Irrizulta li l-attur qal li huwa kien inkarigat mill-konvenut biex jaghmel progetti fuq ***site plans*** fir-rigward ta' art fi Triq Gorg Borg Olivier, Sliema. Huwa xehed li dam jiddiskuti mal-konvenut fir-rigward ta' dan, u wara hejjielu l-progett ta' blokk ta' appartamenti, u li Felice kien insista li ried 32-il appartament. Semma wkoll, fix-xhieda tieghu li sadanittant, kien qabbdu jahdem dwar zvilupp ta' bicca art f'H'Attard. (a fol. 14 u 15). Irrizulta wkoll li marru flimkien fuq is-sit tal-izvilupp u saru xi diskussjonijiet. L-attur sostna wkoll li l-konvenut kien qallu li issa li sejjer jispicca jkun jista' jahdimlu.

"Min-naha l-ohra l-konvenut, fix-xhieda tieghu, semma li kien l-ewwel tenna l-hsieb lill-Perit tieghu Joseph Falzon li jixtri l-art ta' fejn Capua Palace f'Tas-Sliema biex jizviluppaha. Spjega li wara dan, kellem Ministru u talbu biex jirrakkomanda lil xi hadd li jista' jghinu fl-izvilupp tal-post, u anke ghall-hrug tal-permess. Irrizulta li l-persuna li baghtu ghandu kien il-Perit Drago, li kien Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet.

“Issemmiet ukoll, art f’H’ Attard fix-xhieda tal-konvenut, fejn huwa kkonferma li kien hareg il-hrug tal-permess fuq din l-art permezz ta’ l-applikazzjonijiet li kien ghamillu l-Perit Falzon. Qal li l-Perit Drago kien qallu li kien ghamillu pjanta ta’ hemmhekk. Fil-fatt Felice eventwalment qallu: “**Jiena ma nistax inhallas zewg periti**”. (a fol. 117). Huwa cahad li qatt qabbad lill-Perit Drago jaghmillu pjanti.

“Illi ghalhekk jidher li l-konvenut kien qieghed isib problemi biex jirnexxilu jakkwista l-permessi necessarji u ghalkemm gja` kellu perit kien qed ifittex l-ghajnuna ta’ min seta’ jghinu b’xi mod biex jiffinalizza l-progett. Ta min isemmi li l-konvenut anqas biss kellu l-proprjeta` tal-art in kwistjoni izda kien ghadu fl-istadju ta’ verifiki. Il-partijiet ma kienux xi hbieb u kien il-konvenut li mar ghand l-attur biex dan jaghtieh idejat ta’ kif seta’ jasal biex jiffinalizza l-progett, meta anke semmielu li dalwaqt jispicca u jkun jista’ jahdimlu bhala perit kien logiku ghall-attur li jassumi li fil-fatt kien sejjer jahdimlu. Meta l-attur kawza possibbilment ta’ nuqqas ta’ ftehim car lesta l-pjanti u kellem lill-konvenut fuq il-fatt li ma dahlux 32 *flat* fl-art il-konvenut bl-ebda mod ma qal lill-attur li hu ma kienx inkarigah jaghmel il-pjanti izda rrizulta li kompla jiddiskuti l-progett mieghu u b’hekk certament dahhal aktar u aktar lill-attur fl-impressjoni li kien ser iqabbad lilu bhala perit tal-progett. Meta ghamel dan il-konvenut kien qed jikkonferma l-inkarigu lill-istess attur u ghalhekk ghalkemm l-iskop tieghu seta’ kien biss li jsib ghajnuna biex jigi attwat il-progett bl-agir tieghu kien qieghed jinkariga lill-attur biex jaghmel ix-xoghol li fil-fatt l-attur kien qieghed jaghmel. Il-fatt li l-istess konvenut kien jipprova jmur ghand Ministri u segretarji taghhom juri car kemm kien akkanit fuq il-progett u kemm xtaq isib l-ghajnuna biex jattwa dan il-progett.

“Jigi notat li l-kliem ta’ bejn il-partijiet ma kienx wiehed car stante li l-Perit qabad u pproceda bl-inkarigu tal-pjanti, minghajr ma vverifika x’kienet ezatt il-pozizzjoni u l-intenzjoni tal-konvenut.

“Izda, huwa minnu, li l-attur ippretenda li jithallas tal-prestazzjonijiet professjonali tieghu, hekk kif jidher mill-ittri ta’ interpellazzjoni li baghat lill-konvenut li huma ezebiti a

fol. 155 u 156 tal-process. Irrizulta, li l-konvenut kien baqa' inadempjenti u dejjem hallieh minghajr risposta, izda qatt ma baghatlu ittra ta' negazzjoni bil-miktub fir-rigward ta' dan.

"Irrizulta li saret stima dwar ix-xoghol li sar dwar l-artijiet in kwistjoni, f'Tas-Sliema u f'H'Attard mill-Kamra ta' l-Arkitetti (a fol. 153), fuq talba ta' l-attur innifsu ( a fol. 152).

"Fl-ahharnett jinghad li ghalkemm il-konvenut kien ta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma ghamel xejn provi dwar dan l-aspett u ghalhekk bilfors li l-Qorti trid tichad din l-eccezzjoni tal-konvenut.

"Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti tichad ukoll l-eccezzjoni tal-konvenut li ma kienx inkariga lill-attur u li ghalhekk mhux il-legittimu kontradittur."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT.</u>**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fil-5 ta' Lulju, 2005, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qort joghgobha (a) tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi takkolji t-tielet eccezzjoni ta' l-esponent u konsegwentement tichad it-talba attrici, jew (b) sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tirriforma s-sentenza appellata billi tillikwida l-hlas li jista' jkun dovut lill-attur f'ammont inferjuri ghal dak li gie likwidat bl-istess sentenza u li jkun aktar kompatibbli mar-rizultanzi akkwiziti fil-kawza.

L-attur appellat ipprezenta risposta ghall-appell imsemmi fejn talab li ghar-ragunijiet hemm moghtija u anke billi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, li din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti bl-ispejjez kontra l-appellant.

**L-AGGRAVJI TAL-KONVENUT APPELLANT.**

Il-konvenut appellant ressaq bazikament zewg aggravji kontra s-sentenza fuq riportata u dawn huma indirizzata fl-ewwel lok lejn ic-cahda tat-tielet eccezzjoni minnu sollevata fin-nota tal-eccezzjonijiet u cioe` dwar jekk kien hemm inkarigu moghti lill-attur, u fit-tieni lok u in subsidium, il-konvenut jghid li, anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, l-attur kien inghata inkarigu, l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti kien wiehed eccessiv.

**DWAR L-INKARIGU:**

B'dan l-aggravju l-konvenut qieghed fil-verita` jitlob li din il-Qorti terga taghmel apprezzament tal-provi prodotti biex tirrivedi l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. F'kazijiet simili din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax li b'dak l-apprezzament ser tinholoq ingustizzja serja fil-konfront tal-parti koncernata. Issa minn ezami tal-provi jidher li l-ewwel Qorti ghamlet ezami akkurat tas-sitwazzjoni li nholqot bejn il-kontendenti, u ghalkemm kellha xi dubji dwar il-kjarezza tal-ftehim li kien gie konkluz bejniethom rigwardanti l-inakrigu li kien qed jinghata, waslet ghal konkluzzjoni li effettivament l-attur kien indott li jikkonsidra t-trattativi li nzammu bejnu u l-konvenut bhala inkarigu. Din il-Qorti tikkondividi pjenament din il-konkluzzjoni. Infatti mhux kontestat li l-attur kien inghata *site plan* tal-lokal f'Borg Olivier Street biex jiddisinja progett konsistenti f'numru ta' appartamenti. Jirrizulta ukoll li huwa kien avvicinat biex tigi zviluppata bicca art gewwa H'Attard. Bejn il-kontendenti kien hemm diversi inkontri u l-konvenut kien konxju ta' dak li kien qed isir mill-attur, tant hu hekk li meta gie prezentat il-progett ta' Borg Olivier Street huwa kkummenta dwar in-numru ta' appartamenti li l-pjanta ppreparata mill-attur kienet tinkorpora. Ukoll fir-rigward tal-progett f'H'Attard billi jidher li l-attur kien ipprepara numru ta' alternattivi, u l-istess konvenut kien ghazel wahda minnhom. Fl-ebda mument ma jirrizulta li l-konvenut attira l-attenzjoni ta' l-attur li hu ma kienx qed jinkarigah bhala l-perit tieghu;

ghal kuntrarju dan halla lill-attur jezegwixxi l-inkarigu. Jekk il-konvenut kien jinqeda b'perit iehor, anke sahansitra biex ottjena l-permessi ghall-progett f'H'Attard, dan huwa rrilevanti billi l-konvenut kien pjenament fid-dritt tieghu li jbiddel il-perit.

Jigi osservat fir-rigward li inkarigu moghti lill-professjonista rarament jiehu ix-xejra ta' skrittura privata jew kuntratt. Li jigri normalment hu li individwu jmur ghand dan il-professjonist u jesponi l-problemi u l-htigijiet tieghu; minn dak il-mument il-quddiem il-professjonista, fil-kaz in ezami perit, ikun ragjonevolment korrett li jassumi li qed jinghata inkarigu. Izjed u izjed meta, wara li jsiru x-xogholijiet mehtiega ghall-ezekuzzjoni ta' dak l-inkarigu, il-klijent jibqa' jattendi fl-ufficcju tal-perit, jezamina x-xoghol u jaccetta jew jikkummenta fuq l-istess xoghol.

Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-inkarigu moghti lill-attur.

**<u>IKKUNSIDRAT:</u>**

Dwar l-ammont likwidat ghas-servigi prestati mill-attur din il-Qorti wkoll ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti, partikolarment in vista tal-fatt li ma gie intavolat ebda appell incidentali da parti tal-istess attur appellat. Jirrizulta li x-xogholijiet mertu tal-inkarigu gew ezegwiti; jirrizulta wkoll li dan ix-xoghol gie apprezzat mill-Kamra tal-Perit li hija l-enti appozita biex tiddetermina kemm huwa intitolat membru taghha ghal xogholijiet minnu ezegwiti. Inoltre jidher li, tenut kont tal-valuri tal-progetti proposti u l-fatt li l-attur gie abbandunat mill-klijent tieghu, il-paragrafu 11(1)(a) tat-tariffa K tal-Iskeda A formanti parti mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili gie debitament applikat billi lill-attur gie likwidat $^{1}/_{3}$ tad-drittijiet specifikati fil-paragrafu 10 tal-istess Tariffa K li jikkontempla kumpens

ekwivalenti ghall-6% jekk l-ispiza tax-xoghol jeccedi l-elf lira.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------